Nru. 18,113
Prezz/Price
Lm1.28 (€2.98)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 14 ta' Awissu, 2007
Tuesday, 14th August, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 737

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,111 u 18,112 tas-7 u l-10 ta' Awissu, 2007 rispettivament.

A.L. Nru. 211 ta' l-2007: Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti (Kap. 246); Indiċi tal-Prezzijiet dwar Proprjetà Immobbli.

A.L. Nru. 212 ta' l-2007: *Companies Act (Cap. 386); Companies Act (The Prospectus) (Amendment) Regulations, 2007*.

A.L. Nru. 213 ta' l-2007: Att ta' l-2007 li jemenda l-Att dwar il-Kumpanniji (Att Nru. XV ta' l-2007); Avviż ta' bidu fis-seħħ ta' l-Att ta' l-2007 dwar il-Kumpanniji.

A.L. Nru. 214 ta' l-2007: Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386); Regolamenti ta' l-2007 biex jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Formoli taħt l-Att dwar il-Kumpanniji.

A.L. Nru. 215 ta' l-2007: Att ta' l-2007 li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Att VIII ta' l-2007); Avviż ta' dħul fis-seħħ.

A.L. Nru. 216 ta' l-2007: Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65); Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta (Kap. 332); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija Perikoluża bil-Vetturi bil-Mutur.

A.L. Nru. 217 ta' l-2007: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti ta' l-2007 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' *Bachelor of Science in Information Technology (Honours) - B.Sc. I.T.*

GOVERNMENT NOTICES

No. 737

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,111 and 18,112 of the 7th and the 10th August, 2007 respectively.

L.N. No. 211 of 2007: Immovable Property (Acquisition by Non-Residents) Act (Cap. 246); Immovable Property Price Index.

L.N. No. 212 of 2007: Companies Act (Cap. 386); Companies Act (The Prospectus) (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 213 of 2007: Companies (Amendment) Act, 2007 (Act No. XV of 2007); Notice of coming into force.

L.N. No. 214 of 2007: Companies Act (Cap. 386); Companies Act (Forms) (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 215 of 2007: Civil Code (Amendment) Act, 2007 (Act VIII of 2007); Commencement Notice.

L.N. No. 216 of 2007: Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65); Malta Transport Authority Act (Cap. 332); Motor Vehicles (Carriage of Dangerous Goods by Road) (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 217 of 2007: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2007 to amend the Bye-Laws of 2005 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Degrees of Bachelor of Science in Information Technology (Honours) - B.Sc. I.T. (Hons) - and

(Hons) - u ta' *Bachelor of Science in Information Technology - B.Sc. I.T.* - taħt il-patroċinju tal-Bord ta' l-Istudji għall-*Information Technology.*

A.L. Nru. 218 ta' l-2007: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2007 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' *Master of Business Administration - M.B.A. - Executive Master of Business Administration - Executive M.B.A.* - u *Executive Master of Business Administration (e-Business) - Executive M.B.A. (e-Business).*

A.L. Nru. 219 ta' l-2007: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2007 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' *Bachelor of Dental Surgery - B.Ch.D.*

A.L. Nru. 220 ta' l-2007: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Istatut biex jemenda l-Istatut 2 - Il-Fakultajiet (Emenda Nru. 2) ta' l-Università ta' Malta.

A.L. Nru. 221 ta' l-2007: *Product Safety Act (Cap. 427); Dangerous Substances and Preparations (Amendment) Regulations, 2007.*

A.L. Nru. 222 ta' l-2007: Att dwar il-Liċenzi tal-Pulizija (Kap. 128); Regolamenti ta' l-2007 dwar Proċeduri għal-Liċenzi.

A.L. Nru. 223 ta' l-2007: Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Passiġġieri b'Vetturi bil-Mutur.

A.L. Nru. 224 ta' l-2007: *Product Safety Act (Cap. 427); Dangerous Substances and Preparations (Restrictions) (Amendment) Regulations, 2007.*

A.L. Nru. 225 ta' l-2007: Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija b'Vetturi bil-Mutur.

L-14 ta' Awissu, 2007

Nru. 738

IL-PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi nhar it-Tnejn, it-13 ta' Awissu, 2007 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 695 tas-27 ta' Lulju, 2007, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

It-13 ta' Awissu, 2007
(OPM 31/2007/II)

Bachelor of Science in Information Technology - B.Sc. I.T. - under the auspices of the Board of Studies for Information Technology.

L.N. No. 218 of 2007: Education Act (Cap. 327); Master of Business Administration Degree - M.B.A. - Executive Master of Business Administration Degree - Executive M.B.A. - and Executive Master of Business Administration (e-Business) Degree - Executive M.B.A. (e-Business) Course (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 219 of 2007: Education Act (Cap. 327); Bachelor of Dental Surgery - B.Ch.D. - Degree Course (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 220 of 2007: Education Act (Cap. 327); Statute amending Statute 2 - Faculties (Amendment No. 2) of the University of Malta.

L.N. No. 221 of 2007: Product Safety Act (Cap. 427); Dangerous Substances and Preparations (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 222 of 2007: Police Licences Act (Cap. 128); Licences Procedures Regulations, 2007.

L.N. No. 223 of 2007: Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65); Motor Vehicles (Carriage of Passengers by Road) (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 224 of 2007: Product Safety Act (Cap. 427); Dangerous Substances and Preparations Restrictions (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 225 of 2007: Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65); Motor Vehicles (Carriage of Goods by Road) (Amendment) Regulations, 2007.

14th August, 2007

No. 738

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed duties as Prime Minister and Minister of Finance on Monday, 13th August, 2007 and that the arrangements made by Government Notice No. 695 of the 27th July, 2007, ceased to have effect accordingly.

13th August, 2007

Nru. 739

ĦATRA TA' AĠENT KUMMISSJONARJU ELETTORALI PRINĊIPALI

IS-SEGRETARJU Permanenti *(Strategy and Operations)* approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	UFFIĊĊJU *OFFICE*	DATA *DATE*
Mr Mario Caruana	Kummissjonarju Elettorali Prinċipali *Chief Electoral Commissioner*	Uffiċċju Elettorali *Electoral Office*	17-26.08.2007

L-14 ta' Awissu, 2007

No. 739

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF ELECTORAL COMMISSIONER

THE Permanent Secretary *(Strategy and Operations)* has approved the following acting appointment:–

14th August, 2007

Nru. 740

ATT DWAR IX-XANDIR (KAP. 350)

B'ŻIEDA man-Notifikazzjonijiet tal-Gvern Nri. 729 u 730 ta' l-2007, qiegħed jiġi hawnhekk dikjarat illi n-Notifikazzjonijiet tal-Gvern Nri. 258 u 543 ta' l-2007 huma b'din imħassra mis-7 ta' Awissu, 2007.

L-14 ta' Awissu, 2007

No. 740

BROADCASTING ACT (CAP. 350)

FURTHER to Government Notices Nos. 729 and 730 of 2007, it is hereby declared that Government Notices Nos. 258 and 543 of 2007 are hereby revoked with effect from 7th August, 2007.

14th August, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 84

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Raħal Ġdid

Nhar il-Ġimgħa, is-17 ta' Awissu 2007 mill-4.00 p.m. 'il quddiem mill-Pjazza fit-Telgħa ta' Raħal il-Ġdid fejn hemm in-Niċċa tal-Madonna ta' Lourdes.

Nhar is-Sibt, it-18 ta' Awissu 2007 mit-3.00 p.m. 'il quddiem minn Triq Valletta u t-Telgħa ta' Raħal Ġdid.

POLICE NOTICE

No. 84

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Paola

On Friday, 17th August 2007 from 4.00 p.m. onwards through the Square in Paola Hill opposite Our Lady of Lourdes niche.

On Saturday, 18th August 2007 from 3.00 p.m. onwards through Triq Valletta and Paola Hill.

Nhar is-Sibt, it-18 ta' Awissu 2007 mid-9.00 p.m. 'il quddiem mit-Telgħa ta' Raħal Ġdid u Triq Valletta.

Nhar il-Ħadd, id-19 ta' Awissu 2007 mis-1.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Brittania, id-Dgħajjes, Windsor, Cameron, it-Telgħa ta' Raħal Ġdid, il-Ġdida, l-Arkata, Ninu Cremona, il-Foss, Valletta, il-Perit Tortell sal-Knisja tal-Madonna ta' Lourdes.

Nhar il-Ħadd, id-19 ta' Awissu 2007 mill-11.00 a.m. sat-3.00 p.m. u bejn is-7.00 p.m. u l-11.00 p.m. mit-Telgħa ta' Raħal Ġdid u Triq Valletta.

Vetturi li jinstabu jiksru dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

L-14 ta' Awissu, 2007

On Saturday, 18th August 2007 from 9.00 p.m. onwards through Paola Hill and Triq Valletta.

On Sunday, 19th August 2007 from 1.00 p.m. onwards through the following streets: Brittania, id-Dgħajjes, Windsor, Cameron, Paola Hill, il-Ġdida, l-Arkata, Ninu Cremona, il-Foss, Valletta, il-Perit Tortell up to Lourdes Parish Church.

On Sunday, 19th August 2007 from 11.00 a.m. till 3.00 p.m. and between 7.00 p.m. and 11.00 p.m. through Paola Hill and Triq Valletta.

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

14th August, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Consultant* fir-*Rehabilitation Medicine* fid-Diviżjoni tas-Saħħa, fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-post ta' *Consultant* fir-*Rehabilitation Medicine* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Consultant* fir-*Rehabilitation Medicine* għandu salarju ta' Lm10,811 (€25,182.86) fis-sena (Skala ta' Salarju 4).

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u d-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun soġġetta għal ġimgħa ta' 40 siegħa u wara tkun tista' tissejjaħ fuq bażi ta' *roster.*

3.3 Il-ħinijiet tax-xogħol tal-persuna nominata mhux bilfors ikunu limitati għal dmirijiet ta' filgħodu, imma skond l-esiġenzi tas-servizz, sessjonijiet ta' wara nofsinhar, jistgħu jsiru skond l-arranġamenti approvati mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

3.4. Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u tkun soġġetta għal kundizzjonijiet u obbligi li jkun hemm mniżżlin fi kwalunkwe ftehim relevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Consultant in Rehabilitation Medicine in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced Medical Practitioners for the post of Consultant in Rehabilitation Medicine in the Health Division.

2. The post of Consultant Physician carries a salary of Lm10,811 (€25,182.86) per annum (Salary Scale 4).

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service in general and the Health Division in particular. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be conditioned to a 40-hour week and may be on call thereafter on a roster basis.

3.3. The working hours of the appointee will not necessarily be limited to morning duties, but in accordance with the exigencies of the service, afternoon sessions may have to be carried out as per arrangements approved by the Health Division.

3.4. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna magħżula tkun trid tipprovdi servizzi f'kull sptar jew *health care setting* li jipprovdi servizzi ta' rijabilitazzjoni f'Malta . Hi tkun trid tgħin fit-titjib u żvilupp kontinwu tar-*Rehabilitation Medicine* f'Malta rigward:

(a) żvilupp ta' *Day Care Service* u *Day Hospital Service* f'kull sptar jew *health care setting* li jipprovdi servizzi ta' rijabilitazzjoni f'Malta;

(b) titjib ta' faċilitajiet għal kura ta' l-*in-patients* f'kull sptar jew *health care setting* li jipprovdi servizzi ta' rijabilitazzjoni akuta, tilqa' minn qabel komplikazzjonijiet, tippromwovi saħħa u *well being* u tħeġġeġ *policies* biex pazjenti jintbagħtu kemm jista jkun malajr mill-isptar għall-postijiet oħra xierqa; u

(ċ) żvilupp ta' *multidisciplinary Health Care Team approach* għal kura fl-isptar kif ukoll fil-komunità.

5.2. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li tagħmel regolarment sessjonijiet speċjalizzati fic-Ċentri tas-Saħħa skond programmi approvati dwar kura fil-komunità u tista' tkun meħtieġa li tagħti servizz f'xi estensjoni futura oħra ta' servizz tas-saħħa kif provdut taħt Skema Nazzjonali komprensiva tas-Saħħa.

5.3. Meta l-persuna nominata tkun *Admitting Consultant* (fuq xogħol) tista' tkun meħtieġa li tattendi għall-ħtiġiet tal-pazjenti skond l-esiġenzi tas-servizz. Hi għandha, dakinhar filgħaxija, ddur is-sala biex taċċerta, sakemm hu prattikabbli, li kull dħul ta' emerġenza li jsir wara nofsinhar u kmieni filgħaxija jiġi eżaminat minnha fl-istess ġurnata tad-dħul.

5.4. Il-Persuna nominata trid tmexxi lill-*multi-professional specialist rehabilitation team* fi ħwejjeġ kliniċi u mediċi. Hi trid tassigura li l-kura tal-pazjent tkun fl-ogħla livell possibbli b'attenzjoni speċjali li x-xogħol isir b'mod xieraq, fil-ħin u b'kontinwità, inkluż kontinwità b'*medical records* miżmuma tajjeb u li faċilment jinstabu kif ukoll b'*discharge summaries* li jsiru fil-ħin.

5.5. Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta li d-dixxiplina u l-prattika fis-sala (inklużi l-aspetti ta' l-iġjene) li jaffettwaw il-pazjenti taħt il-kura tagħha, ikun l-ogħla livell possibbli.

5.6. Il-persuna nominata trid tieħu sehem fit-tagħlim u taħrig ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni kif meħtieġ.

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The selected candidate will be required to provide services in any hospital or health care setting providing rehabilitation services in Malta. He/She shall help in the improvement and continuous development in the Rehabilitation Medicine Services in Malta as regards to:-

(a) the development of Day Care Service and Day Hospital Service in any hospital or health care setting providing rehabilitation services in Malta;

(b) the improvement of the facilities for in-patient care in any hospital or health care setting providing acute rehabilitation services, preventing complications, promoting health and well being and fostering rapid discharge to appropriate settings; and

(c) the development of a multidisciplinary Health Care Team approach for Hospital Care as well as in the Community Service.

5.2. The appointee may be required to hold regular specialised clinics in the Health Centers in accordance with approved community care programmes and may also be required to provide service in any future extension of health services as provided under a comprehensive National Health Scheme.

5.3. When the appointee is the Admitting Consultant (on call) he/she may be required to attend to the needs of patients according to the exigencies of the service. He/She is to perform an evening ward round on that date with a view to ensuring, as far as it is reasonably practicable, that emergency admissions in the afternoon and early evening are seen by him/her on the same day of admission.

5.4. The appointee shall provide clinical/medical leadership to the mult-professional specialist rehabilitation team. He/She shall ensure the highest level possible of patient care with special attention to appropriateness, timeliness and continuity (including continuity through well-maintained and easily followable medical records and timely discharge summaries).

5.5. The appointee shall be responsible to ensure that ward discipline and practice (including aspects of hygiene) affecting patients under his/her care are of the highest possible level.

5.6. The appointee will participate in undergraduate and postgraduate teaching and training as required.

5.7. Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta t-twettiq ta' programm kontinwu ta' taħriġ u edukazzjoni għall-i*staff* li tieħu ħsieb il-pazjenti taħt il-kura tagħha.

5.8. Il-persuna nominata tkun trid tkopri l-assenza ta' speċjalisti oħra fir-*Rehabilitation Medicine* kif ikun meħtieġ;

5.9. Il-persuna nominata tkun trid twaqqaf mekkaniżmu xieraq għall-assigurazzjoni ta' kwalità fis-servizz u ta' *medical audit,* b'attenzjoni partikolari għall-aspetti multidixxiplinari ta' kura. Hi tkun trid tressaq rapport annwali fuq il-ħidma tas-servizz.

5.10. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. Sal-ħin u d-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa għal applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment tac-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u legiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

(d) ikollhom:

5.7. The appointee shall be responsible to ensure the implementation of an ongoing/continuing training and education programme in respect of the staff caring for the patients under his/her charge.

5.8. The appointee will be expected to provide cover for the absence of other specialists in Rehabilitation Medicine as may be required.

5.9. The appointee will be required to establish appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit, with particular focus on multidisciplinary aspects of care. He/She shall present an annual report on the performance of the service.

5.10. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

6. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a licence to practise the Medical Profession in Malta.

d) be in possession of:

JEW

(i) evidenza ta' eliġibbiltà għar-reġistrazzjoni bħala *Specialist* fir-*Rehabilitation Medicine* fl-Unjoni Ewropea;

JEW

(ii) kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fl-ispeċjalità u sentejn esperjenza fl-ispeċjalità fil-grad ta' *Senior Registrar* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta;

JEW

iii) kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fl-ispeċjalità u ħames snin ta'esperjenza fl-ispeċjalità wara li jkunu ġabu l-imsemmija kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni;

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47),* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post/pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża ma' l-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data ta' l-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

EITHER

(i) evidence of eligibility for Specialist registration in Rehabilitation Medicine in the European Union;

OR

(ii) a higher postgraduate qualification in the Speciality and two years experience in the Speciality in the Grade of Senior Registrar in the Malta Public Service;

OR

(iii) a higher postgraduate qualification in the Speciality and five years experience in the Speciality following the attainment of the said higher postgraduate qualification;

(e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

7.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attachwed to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

8.3. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9.1 Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

9.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, is-7 ta' Settembru 2007.

12. The prescribed application forms, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience and the names of two referees, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources Department, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 7th September 2007.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, is-7 ta' Settembru 2007 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 7th September 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the receiving Division are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

L-14 ta' Awissu, 2007

14th August, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Reklutaġġ ta' Diretturi fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE)

Din is-sejħa għall-applikazzjonijiet tieħu post dik ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta' Lulju 2007.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-ħatra ta' professjonisti kompetenti u kwalifikati li jkollhom l-abbiltà li jaqdu d-dmirijiet ta' Diretturi fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE).

2. Il-funzjonijiet ta' Direttur fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi jinsabu stabbiliti bl-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327) (kif emendat bl-Att XIII ta' l-2006) li jidher fis-sit elettroniku www.education.gov.mt.

3. Il-missjoni tad-DSE hija li tiżgura t-tħaddim effettiv u effiċjenti u l-provdiment ta' servizzi lill-Kulleġġi u l-iskejjel Statali fil-kuntest ta' qafas stabbilit ta' deċentralizzazzjoni u awtonomija.

4. L-applikanti magħżula jkunu assenjati ma' wieħed mit-tliet dipartimenti li jaqgħu taħt it-tmexxija tad-Direttur Generali, DSE. It-tlett dipartimenti huma:

Servizzi għall-Istudenti
Żvilupp tar-Riżorsi Umani
Riżorsi għall-Iskejjel

5. Il-kandidati li jiġu magħżula jinħatru fil-grad sustantiv ta' 'Uffiċjali fi Grad 5' fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u, bħala tali, jkunu uffiċjali pubbliċi anzjani. Il-ħatra tkun soġġetta għal żmien ta' prova ta' sentejn.

6. Jekk fil-jum meta jagħlqu l-applikazzjonijiet, il-kandidati magħżula:

a) Ikunu uffiċjali pubbliċi fil-kariga li sostantivament diġà jkunu jinsabu fi grad ekwivalenti għal jew ogħla minn Grad 5, huma jibqgħu jżommu l-grad sostantiv tagħhom;

b) Ikunu uffiċjali pubbliċi fil-kariga li jkollhom ħatra sostantiva fi grad taħt Grad 5, huma jigu sostantivament maħtura Uffiċjali fi Grad 5;

ċ) Ikunu uffiċjali pubblici fil-kariga li jkunu jokkupaw pożizzjoni kuntrattwali fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u ma jkollhomx kariga sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, huma jiġu maħtura sustantivament 'Uffiċjali fi Grad 5' fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

d) ma jkunux uffiċjali pubbliċi fil-kariga, huma jiġu sostantivament maħtura 'Uffiċjali fi Grad 5' fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement of Directors in the Directorate for Educational Services (DES)

This call for applications supercedes the one published in the Government Gazette of the 27th July 2007.

The Public Service Commission invites applications for the appointment of suitably qualified and competent professionals capable of performing duties as Directors in the Directorate for Educational Services (DES).

2. The full functions of the DES are established by the Education Act (Cap. 327) (as amended by Act XIII of 2006) which may be consulted on www.education.gov.mt.

3. The mission of the DES is to ensure the effective and efficient operation and delivery of services to the Colleges and State schools within an established framework of decentralisation and autonomy.

4. Each of the selected candidates will be assigned to one of the three departments under the leadership of Director General, DES. The three departments are:

Student Services
Human Resource Development
School Resources

5. The selected candidates will be appointed substantively 'Officers in Grade 5' in the Malta Public Service and, as such, will be senior public officers. The appointment will be subject to a two-year probationary period.

6. If on the closing date of the call for applications, the selected candidates are:

a) serving public officers who are already substantively in a grade equivalent to or above Grade 5, they will retain their higher substantive grade;

b) serving public officers who hold a substantive appointment in a Grade below Grade 5, they will be substantively appointed Officers in Grade 5;

c) serving public officers who occupy a contractual position in the Malta Public Service and do not hold a substantive post in the Malta Public Service, they will be substantively appointed 'Officers in Grade 5' in the Malta Public Service.

d) not serving public officers, they will be substantively appointed 'Officers in Grade 5' in the Malta Public Service.

7. Meta jinħatru bħala 'Uffiċjali fi Grad 5', l-uffiċjali pubbliċi magħżula jiġu inkarigati mill-Prim Ministru biex jaqdu d-dmirijiet ta' Diretturi fid-DSE abbażi ta' *Performance Agreement* ta' tliet snin, li jista' jiġġedded għal perjodi ulterjuri ta' tliet snin.

8. Diretturi fid-DSE jirċievu salarju bażiku li jkun ekwivalenti għal dak li japplika fl-Iskala tas-Salarju 4 fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, bħalissa Lm10,811 (€25,182,86) fis-sena. Il-pakkett ta' remunerazzjoni totali jista' madankollu jiġi aġġustat biex ikun jirrifletti l-kwalifiki jew esperjenza ppruvata li jkunu aktar minn dawk meħtieġa f'dan l-avviż. L-aġġustament ikun japplika għall-kandidati magħżula irrispettivament minn jekk kinux uffiċjali pubbliċi fid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għal applikazzjonijiet.

9. Il-*Performance Agreement* ikun jinkludi *performance bonus* u dan il-jedd ikun soġġett għall-istess proċedura ta' reviżjoni ta' ħidma, kriterji u arranġamenti oħra skond ma japplikaw għal uffiċjali li jinħatru f'pożizzjoni ta' Kapijiet fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

10. L-uffiċjali pubbliċi magħżula jkunu marbuta, sakemm jibqgħu fil-kariga ta' Direttur fid-DSE, bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet tas-servizz li japplikaw lill-uffiċjali pubbliċi li jkollhom ħatra sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

11. Meta jintemmu żewġ perjodi ta' kariga ta' tliet snin il-wieħed ta' Direttur fid-DSE, l-uffiċjali magħżula jinħatru sostantivament bħala 'Uffiċjal fi Grad 4' fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

12. Meta jintemm il-*Performance Agreement* li jkollhom bħala Direttur fid-DSE, l-uffiċjali magħżula jżommu l-grad sostantiv tagħhom u jingħataw jaqdu dmirijiet li kemm jista' jkun, ikunu skond il-grad sostantiv tagħhhom.

13. Ħidma insodisfaċenti matul iż-żmien tal-*Performance Agreement* twassal għat-terminazzjoni tal-*Performance Agreement* u, jekk l-uffiċjali jkunu għadhom fiż-żmien ta' prova tal-ħatra sostantiva tagħhom, twassal għat-terminazzjoni tal-ħatra sostantiva li tirriżulta minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

14. Il-kwalitajiet mixtieqa f'dawn il-pożizzjonijiet huma dawk ta' edukaturi entużjasti u b'esperjenza, li jkollhom xhieda ta' ħila fid-direzzjoni u li jimmottivaw lill-impjegati tagħhom jilħqu l-miri u l-i*standards* stabbiliti. Il-kandidati magħżula għandhom ikunu mexxejja bl-abbiltà li jġibu bidla u li jikkomunikaw b'mod effettiv f'kull livell. Il-kandidati magħżula għandu jkollhom il-ħila li janalizzaw, jinterpretaw u jevalwaw statistika u informazzjoni dettaljata, li jifhmu kif u għaliex l-istudent jilħaq jew ma jilħaqx il-miri stabbiliti, u li jkunu kapaċi jiżviluppaw strateġiji u programmi li jkollhom bħala mira ewlenija it-titjib fil-kwalità tal-proċess edukattiv.

7. On appointment as 'Officers in Grade 5', the selected public officers shall be detailed by the Prime Minister for duty as Directors in the DES on the basis of a three-year performance agreement, which may be renewed for further periods of 3 years.

8. Directors in the DES will receive a basic salary equivalent to that attached to Salary Scale 4 in the Malta Public Service, currently Lm10,811 (€25,182.86) p.a. The total remuneration package may however be adjusted to reflect qualifications or proven experience that go beyond those required in this call. The adjustment will be applicable to the selected candidates irrespective of whether they were public officers on the closing date of the call for applications.

9. The Performance Agreement will include a performance bonus and this entitlement will be subject to the same performance review procedure, criteria and other arrangements applicable to officers who are appointed to a Headship position in the Malta Public Service.

10. The selected public officers will, during the period of their detailing as Directors in the DES, be bound by the terms and conditions of service applicable to public officers holding a substantive appointment in the Malta Public Service.

11. On successful completion of two terms of three years each as Director in the DES, the selected officers will be appointed substantively 'Officer in Grade 4' in the Malta Public Service.

12. On termination of their performance agreement as Directors in the DES, the selected officers will retain their applicable substantive grade and will be assigned duties which will be, as far as possible, commensurate with their substantive grade.

13. Unsatisfactory performance during the period of the performance agreement will lead to the termination of the performance agreement and, if an officer is still in the probationary period of his substantive appointment, to the termination of the substantive appointment resulting from this call for applications.

14. The qualities being sought for each of these positions are those of an enthusiastic and experienced educator, who has a proven track record in directing and motivating staff to achieve identified targets and standards. The successful candidates shall be professional leaders and must have an ability to manage change and communicate effectively at all levels. Selected candidates must be able to analyse, interpret and evaluate complex statistical data and information, have an ability to understand how and why learners achieve or fail to achieve and develop strategies and programmes aimed at improving the quality of educational provision. Selected

Il-kandidati magħżula jridu jkunu kapaċi jmexxu u jaħdmu f'tim, u jkollhom viżjoni ċara bil-ħila li jimmotivaw lill-oħrajn u jwasslu għall-implimentazzjoni ta' ideat fil-kuntest tal-Qafas tal-Kurrikulum Nazzjonali. Id-Diretturi fid-DSE għandhom jaħdmu biex itejbu l-kwalità tal-proċess edukattiv u għandhom ikunu kapaċi li jaħdmu flimkien biex iniedu u jimplimentaw programmi u proġetti edukattivi li jtejbu l-kwalità tat-tagħlim. Esperjenza fil-qasam ta' l-iżvilupp tar-riżorsi umani, it-tmexxija ta' servizzi għall-istudent jew tar-riżorsi ta' l-iskejjel, kif ukoll konoxxenza tal-leġislazzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni huma kkunsidrati bħala vantaġġ. Il-kandidati magħżula jkollhom bżonn juru etos korporattiv u li kapaċi jilħqu *standards* għoljin. Dawn il-kandidati għandhom ikunu edukaturi proattivi, li b'motivazzjoni kapaċi jiżviluppaw u jwettqu l-kurrikulum u jassiguraw li dan jaqdi l-bżonnijiet ta' l-istudent. Permezz ta' *performance management*, il-kandidati magħżula għandhom jippromwovu kultura ta' titjib kontinwu, u jaħdmu ma' l-iskejjel kollha tal-Kulleġġ bħala parti minn tim ta' tmexxija li huwa produttiv u kooperativ.

15. Sal-ħin u d-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ikunu ċittadini ta' xi Stat Membru ieħor ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li dwarhom ikunu japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' UE fuq il-moviment liberu ta' persuni (f'każ ta' diffikultà dwar il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE għandu jiġi kkonsultat il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin);

JEW

(iv) ikunu l-konjuġi u t-tfal, ukoll jekk dawn ikunu ċittadini ta' pajjiżi terzi, ta' xi persuna minn dawk imsemmija fil-paragrafi (i), (ii) u (iii) hawn qabel, sakemm dawn ikunu jistgħu jaħdmu f'Malta taħt leġislazzjoni kurrenti. Dan għandu jiġi deċiż bil-parir tad-Direttur taċ-Ċittadinanza u Affarijiet dwar *Expatriates*, fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija fil-paragrafi (ii), (iii) u (iv) hawn qabel tkun teħtieġ il-ħruġ ta' liċenza ta' l-impiegi sakemm dan ikun meħtieġ taħt l-Att dwar l-Immigrazzjoni u liġijiet sussidjarji.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-11 ta' Lulju 2007.

CT 267/2007. Disinn u offerta għall-bini biex tissaħħaħ art instabbli u xogħlijiet ta' restawr ta' ħitan storiċi taħt Pjazza Kunsill ta' l-Imdina – Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm35 (€81.50) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Works Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Dan il-proġett huwa ffinanzjat b'għotja mill-Islanda, Liechstenstein u n-Norveġja mill-Mekkaniżmu Finanzjarju tal-EEA 2004-2009.

(Budget Allokat: Lm214.650 (€500,000) mingħajr il-V.A.T.).

CT 275/2007. Pubblikità għall-proġett MOSAIC - *One in Diversity* - Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Services Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Dan il-proġett huwa ko-finanzjat mill-Kummissjoni Ewropea mis-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs għall-Kulħadd 2007.

(Budget Allokat: Lm44.596.54 (€103,882) mingħajr il-V.A.T.).

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-6 ta' Settembru, 2007, għal:

CT 276/2007. Provvista ta' *contrast medium in MRI* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 268/2007. Supply of eseophageal stent system – Health Division.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 4th September, 2007 for:

CT 262/2007. Supply of homogenous immunoassay tests for toxicology with equipment on loan – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 10th July 2007.

CT 263/2007. Supply of ceftriaxone 2g injections – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 10th July 2007.

CT 264/2007. Installation of equipment for roadside checks – Malta Transport Authority. A fee of Lm10 (€23.29) will be charged for every copy of tender document.

This is a Supplies Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is being partially funded by the Transition Facility 2005 Programme for Malta. (Allocated Budget: Lm42,286.05 (€98,500) excluding V.A.T.).

CT 265/2007. Supply of amlodipine 5mg tablets/capsules – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 11th July 2007.

CT 267/2007. Design and building tender for the consolidation of unstable terrain and restoration works of historic ramparts underlying Pjazza Kunsill ta' l-Imdina – Works Division. A fee of Lm35 (€81.50) will be charged for each copy of tender document.

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This project is supported by a grant from Iceland, Liechstenstein and Norway through the EEA Financial Mechanism 2004-2009.

(Allocated Budget: Lm214,650 (€500,000) excluding VAT).

CT 275/2007. Publicity for the project MOSAIC - One in Diversity - National Commission for the Promotion of Equality. A fee of Lm10 (€23.29) will be charged for each copy of tender document.

This is a Services Notice under the Local Open Tender Procedure. This project is co-funded by the European Commission through the European Year of Equal Opportunities for All 2007.

(Allocated Budget: Lm44,596.54 (€103,882) including VAT).

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 6th September, 2007 for:

CT 276/2007. Supply of contrast medium in MRI – Health Division.

CT 252/2007. Żarmar ta' apparat eżistenti, provvista u stallazzjoni ta' apparat ta' *airconditioning* u ventilazzjoni fis-swali ta' l-irġiel 7 u 8 fir-Residenza San Vinċenz de Paule - Kumitat tal-*Welfare*. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 (€69.88) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 282/2007. Bażi ta' ftehim għall-provvista ta' formoli dipartimentali għas-sistema ta' *accounting* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 283/2007. Bażi ta' ftehim għall-provvista ta' xibka ta' l-azzar għall-rinforzar ta' konkrit lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 284/2007. Bażi ta' ftehim għall-provvista ta' stokk u ħġieġ lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 285/2007. Bażi ta' ftehim għall-provvista ta' *carbon steel bars* għall-rinforzar ta' konkrit lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-11 ta' Settembru, 2007, għal:

CT 269/2007. Provvista ta' *gauze swabs 10cm x 10cm* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-17 ta' Lulju 2007.

CT/A/5/2007. Xiri u manifattura, konsenja, stallazzjoni u kummissjunar ta' apparat għall-faċilitajiet *dry standing* fil-Kavallerizza, Marsaxlokk - Diviżjoni għall-Kontroll u l-Konservazzjoni tas-Sajd. Kopja tad-dokument ta' l-offerta jista' jitniżżel mis-sit elettroniku www.maltafisheries.gov.mt/asp.

Dan huwa *Supplies Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hija offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Strutturali Programm għal Malta 2004-2006.

(*Budget* Allokat: Lm34.500 (€80,363.38) mingħajr il-V.A.T.).

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-18 ta' Settembru, 2007, għal:

CT 273/2007. Provvista ta' pilloli *paroxitine 20mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Lulju 2007.

CT 274/2007. Provvista ta' pilloli *budesonide retetion enema* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Lulju 2007.

CT 281/2007. Provvista ta' servizzi ta' assigurazzjoni – Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 (€46.59) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 252/2007. Dismantling of existing equipment and the supply and installation of airconditioning and ventilation equipment at wards male 7 and 8, St Vincent de Paule Residence - Welfare Committee. A fee of Lm30 (€69.88) will be charged for each copy of tender document.

CT 282/2007. Framework agreement for the supply of departmental accounting system forms to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 283/2007. Framework agreement for the supply of steel wire mesh for concrete reinforcement to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 284/2007. Framework agreement for the supply of putty and glass to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 285/2007. Framework agreement for the supply of carbon steel bars for concrete reinforcement to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 11th September, 2007 for:

CT 269/2007. Supply of gauze swabs 10cm x 10cm – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 17th July 2007.

CT/A/5/2007. Procurement and manufacture, delivery, installation and commissioning of furnishing equipment for the dry standing facilities at Kavallerizza, Marsaxlokk - Fisheries Conservation and Control Division. An electronic downloadable version of tender document is available on www.maltafisheries.gov.mt/news.asp.

This is a Supplies Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded by the Structural Funds Programme for Malta 2004-2006.

(Allocated Budget: Lm34,500 (€80,363.38) excluding VAT).

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 18th September, 2007 for:

CT 273/2007. Supply of paroxitine 20mg tablets – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 20th July 2007.

CT 274/2007. Supply of budesonide retetion enema – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 20th July 2007.

CT 281/2007. Supply of insurance services – Employment and Training Corporation. A fee of Lm20 (€46.59) will be charged for each copy of tender document.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-20 ta' Settembru, 2007, għal:

CT 287/2007. Provvista ta' magna għat-tiwi - Stamperija tal-Gvern. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 (€58.23) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 288/2007. Provvista ta' rollijiet tal-karti għall-kċina - Diviżjoni tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 289/2007. Provvista ta' uniformijiet ta' l-infermiera fil-Kura Primarja - Diviżjoni tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 290/2007. Provvista ta' preparazzjoni għall-ikel - Diviżjoni tas-Saħħa.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-25 ta' Settembru, 2007, għal:

CT 277/2007. Provvista ta' *liposomal amphotericin intravenous infusion* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-1 ta' Awissu 2007.

*CT 292/2007. Stallazzjoni ta' infrastruttura għan-*network* fil-bini tal-Junior College – Università ta' Malta. Għandu jitħallas dritt ta' Lm25 (€58.23) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

*CT 293/2007. Provvista, konsenja u stallazzjoni ta' *high availability network storage* u *backup solutions* – Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 (€116.47) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

*CT 294/2007. Provvista ta' *gauze swabs* 30cm x 30cm – Diviżjoni tas-Saħħa.

*CT 295/2007. Provvista u tqegħid ta' *turf* artifiċjali fil-*football ground* ta' l-Iskola Sekondarja Ogħla Giovanni Curmi, in-Naxxar – Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Għandu jitħallas dritt ta' Lm35 (€81.53) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

*CT/A/6/2007. Provvista ta' ross u *rice cakes* għal persuni fil-bżonn – Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. Kopja tad-dokument ta' l-offerta jista' jitniżżel mill-*website* http://www.mrae.gov.mt

Dan huwa *Supplies Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hija offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Garanziji Agrikoli.

Budget allokat: Lm37,000 (€86,186.82 mingħajr VAT).

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 20th September, 2007 for:

CT 287/2007. Supply of a folding machine - Government Printing Press. A fee of Lm25 (€58.23) will be charged for each copy of tender document.

CT 288/2007. Supply of towel paper kitchen rolls - Health Division. A fee of Lm10 (€23.29) will be charged for each copy of tender document.

CT 289/2007. Supply of uniforms for nurses at the Primary Health Care - Health Division. A fee of Lm10 (€23.29) will be charged for each copy of tender document.

CT 290/2007. Supply of food preparation - Health Division.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 25th September, 2007 for:

CT 277/2007. Supply of liposomal amphotericin intravenous infusion – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 1st August 2007.

*CT 292/2007. Installation of network infrastructure with the Junior College buildings – University of Malta. A fee of Lm25 (€58.23) will be charged for each copy of tender document.

*CT 293/2007. Supply, delivery and installation of high availability network storage and backup solutions – Malta Environment and Planning Authority. A fee of Lm50 (€116.47) will be charged for each copy of tender document.

*CT 294/2007.Supply of gauze swabs 30cm x 30cm – Health Division.

*CT 295/2007. Supply and laying of artificial turf for the football ground at Giovanni Curmi Higher Secondary School, Naxxar – Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm35 (€81.53) will be charged for each copy of tender document.

*CT/A/6/2007. Supply of rice and rice cakes for deprived persons – Ministry of Rural Affairs and the Environment. A copy of the tender document can be downloaded from the website http://www.mrae.gov.mt

This is a Supplies Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded by the European Agricultural Guarantee Fund.

Allocated budget: Lm37,000 (€86,186.82 excluding VAT).

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-27 ta' Settembru, 2007, għal:

CT 278/2007. Servizzi ta' tindif fir-Residenza San Vinċenz de Paule – Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 (€58.23) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-2 ta' Awissu 2007.

CT 279/2007. Bini ta' *bunkers* u provvista ta' *linear accelerators* għad-Dipartiment il-ġdid tar-*Radio Therapy* – Diviżjoni tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' Lm200 (€465.87) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-2 ta' Awissu 2007.

CT 280/2007. Provvista u stallazzjoni ta' *vinyl floorings* fir-Residenza San Vinċenz de Paule – Kumitat tal-*Welfare*. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 (€116.47) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-3 ta' Awissu 2007.

CT 291/2007. Skavar u tneħħija ta' materjal fl-estensjoni ġdida proposta fiċ-Ċimiterju Santa Marija Addolorata - Diviżjoni tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' Lm100 (€232.94) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-2 ta' Ottubru, 2007, għal:

CT 286/2007. Provvista ta' trasport skolastiku għall-studenti bi bżonnijiet speċjali f'Malta - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 (€58.23) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-7 ta' Awissu 2007.

*Avviżi li qed jidhru għall-ewwel darba.

Id-dokumenti ta' l-offerti jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, Tel. 21 220 212, Est. 128, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu wkoll jitħallsu permezz ta' sistema elettronika *point-of-sale* (EPOS) tal-Bank of Valletta.

L-offerenti huma avżati li jżuru l-*website* tad-Dipartiment tal-Kuntratti fuq http://contracts.gov.mt li tipprovdi informazzjoni dwar sejħiet ta' offerti u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni ta' l-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

L-14 ta' Awissu, 2007

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 27th September, 2007 for:

CT 278/2007. Cleaning services at St Vincent de Paule Residence – Elderly and Community Care Department. A fee of Lm25 (€58.23) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 2nd August, 2007.

CT 279/2007. Construction of bunkers and provision of linear accelerators for a new Radio Therapy Department – Health Division. A fee of Lm200 (€465.87) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 2nd August, 2007.

CT 280/2007. Supply and installation of vinyl floorings at St Vincent de Paule Residence – Welfare Committee. A fee of Lm50 (€116.47) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 3rd August, 2007.

CT 291/2007. Excavation and removal of material at the proposed new extension at Santa Maria Addolorata Cemetry - Department of Health. A fee of Lm100 (€232.94) will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 2nd October, 2007 for:

CT 286/2007. Provision of school transport for students with special needs in Malta - Education Division. A fee of Lm25 (€58.23) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 7th August, 2007.

*Advertisements apeparing for the first time.

Tender documents are obtainable on application from the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, Tel. 21 220 212, Ext. 128 or on any working day between 8.30 a.m. and noon. A Bank of Valletta point-of-sale system (EPOS) is also available for the payment of tender documents.

Tenderers are advised to visit the website of the Department of Contracts at http://contracts.gov.mt which provides updated information concerning calls for tenders and General Contracts Committee recommendations.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

14th August, 2007

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf lill-offerenti kollha illi skond Klawsola 30 u Parti XIII tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi 2003, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat Ġenerali għar-rigward ta' l-għoti ta' kuntratti pubbliċi se jkunu ppubblikati fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Kuntratti nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa wara nofsinhar. **L-offerenti jistgħu jiksbu din l-informazzjoni billi jużaw il-*polling facilities* fuq in-numru tal-*fax* 2122 6156.**

Kull offerent li jkollu xi oġġezzjoni għal xi rakkomandazzjoni jrid iressaq l-ilment uffiċjali tiegħu lid-Direttur Ġenerali (Kuntratti) skond parti XIII ta' l-imsemmija Regolamenti li tistabbilixxi fid-dettall il-proċedura li trid tkun segwita f'każ bħal dan. Huwa fl-interess ta' kull offerent li jkun jaf sewwa d-dettalji ta' din il-parti tar-Regolamenti.

L-14 ta' Awissu, 2007

The Director General (Contracts) notifies all tenderers that in terms of Clause 30 and Part XIII of the Public Contracts Regulations 2003, recommendations made by the General Contracts Committee for the award of public contracts will be given publicity in the Department of Contracts' notice-board every Wednesday and Friday after 12.00 noon. **Tenderers may also obtain this information by utilizing the polling facilities on fax number 2122 6156.**

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint to the Director General (Contracts) in accordance with part XIII of the said Regulations which lays down in detail the procedure to be followed in such a case. All tenderers should, therefore, familiarise themselves with the provisions of this part of the Regulations.

14th August, 2007

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 165/2007. Impjant ta' trattament tad-drenaġġ fin-Nofsinhar ta' Malta - Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. Irid jitħallas dritt ta' Lm500 (€1,164.69) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-9 ta' April 2007.

Dan huwa *Works Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Unjoni Ewropea, Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, ERDF - Ninvestu fil-Futur Tiegħek.

(Budget Allokat: Lm24.5 miljun/€57.07 miljun mingħajr il-V.A.T.).

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti ghall-avviż imsemmi qed jerġa' jiġi mtawwal sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-23 ta' Awissu, 2007.

L-14 ta' Awissu, 2007

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 165/2007. Malta South Sewage Treatment Plant - Water Services Corporation. A fee of Lm500 (€1,164.69) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 9th April 2007.

This is a Works Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is being co-funded by the European Union, through the European Regional Development Fund, ERDF - Investing in Your Future.

(Allocated Budget: Lm24.5 million/€57.07 million excluding V.A.T.).

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers for the above mentioned tender is again being extended up to 10.00 a.m. of THURSDAY, 23rd August, 2007.

14th August, 2007

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 252/2007. Żarmar ta' apparat eżistenti, provvista u stallazzjoni ta' apparat ta' *airconditioning* u ventilazzjoni fis-swali ta' l-irġiel 7 u 8 fir-Residenza San Vinċenz de Paule - Kumitat tal-*Welfare*. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 (€69.88) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti ghall-avviż imsemmi qed jiġi mtawwal sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-6 ta' Settembru, 2007.

L-14 ta' Awissu, 2007

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 252/2007. Dismantling of existing equipment and the supply and installation of airconditioning and ventilation equipment at wards male 7 and 8, St Vincent de Paule Residence - Welfare Committee. A fee of Lm30 (€69.88) will be charged for each copy of tender document.

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers for the above mentioned tender is being extended up to 10.00 a.m. of THURSDAY, 6th September, 2007.

14th August, 2007

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 275/2007. Pubblikità għall-proġett MOSAIC - *One in Diversity* - Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Services Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Dan il-proġett huwa ko-finanzjat mill-Kummissjoni Ewropea mis-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd 2007.

(Budget Allokat: Lm44.596.54 (€103,882) mingħajr il-V.A.T.).

Id-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin ta' l-għeluq ta' l-avviż imsemmi hawn fuq hi t-TLIETA, l-4 ta' Settembru 2007 u għandha tidħol minflok l-avviż li ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-TLIETA, il-31 ta' Lulju, 2007.

L-14 ta' Awissu, 2007

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 275/2007. Publicity for the project MOSAIC - One in Diversity - National Commission for the Promotion of Equality. A fee of Lm10 (€23.29) will be charged for each copy of tender document.

This is a Services Notice under the Local Open Tender Procedure. This project is co-funded by the European Commission through the European Year of Equal Opportunities for All 2007.

(Allocated Budget: Lm44,596.54 (€103,882) including VAT).

The Director of Contracts notifies for general information that the closing date and time for the above mentioned advert is TUESDAY, 4th September 2007 and supersedes the one published in the Government Gazette of TUESDAY, 31st July 2007.

14th August, 2007

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 223/2007. Provvista ta' *beclomethasone 50mcg inhaler* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-8 ta' Ġunju 2007.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti ghall-avviż imsemmi qed jiġi mtawwal sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-21 ta' Awissu, 2007.

L-14 ta' Awissu, 2007

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 223/2007. Supply of beclomethasone 50mcg inhaler – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 8th June 2007.

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers for the above mentioned tender is being extended up to 10.00 a.m. of TUESDAY, 21st August, 2007.

14th August, 2007

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 251/2007. Xogħlijiet ta' bini u tlestija fl-estensjoni ta' l-uffiċċju tar-Rettur fil-Binja ta' l-Amministrazzjoni - l-Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 (€116.47) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti ghall-avviż imsemmi qed jiġi estiż sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-23 ta' Awissu, 2007.

L-14 ta' Awissu, 2007

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 251/2007. Construction and finishing works at the extension to the Rector's office at the Administration Building - University of Malta. A fee of Lm50 (€116.47) will be charged for each copy of tender document.

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers for the above mentioned tender is being extended up to 10.00 a.m. of THURSDAY, 23rd August, 2007.

14th August, 2007

DIPARTIMENT TA' L-ARTIJIET

Il-Kummissarju ta' l-Artijiet jgħarraf illi:-

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, sal-10.00 ta' filgħodu tal-Ħamis, 16 ta'Awissu, 2007.

Avviż Nru. 156. Bejgħ:

(a) tad-Diretti Dominji Temporanji u ċ-ċnus relattivi ta' erbatax-il ċenteżmu u sitt milleżmi, Lm0.14,6 (€0.34) fis-sena tal-fond Nru.2, erbatax-il ċenteżmu u sitt milleżmi, Lm0.14,6 (€0.34) fis-sena tal-fond Nru.3, u Lira Maltija, erbgħin ċenteżmi u erba' milleżmi, Lm1.40,4 (€3.27) fis-sena tal-fond Nri. 4 u 5, kollha fi Triq San Pietru, Tas-Sliema, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fit-30 ta' Ġunju, 2012, regolat skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Giuseppe Metropoli tas-27 ta' Lulju, 1863 u kuntratt fl-atti tan-Nutar Giovanni Calleja Schembri tat-18 ta' Frar, 1881, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemmu l-imsemmija ċnus temporanji ta' l-imsemmija fondi;

(b) tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' ħamsin ċenteżmi, Lm0.50 (€1.16) fis-sena tal-fond Nru.75 Triq il-Katidral, Tas-Sliema, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fit-30 ta' Ġunju, 2012, regolat skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Giuseppe Metropoli tas-27 ta' Lulju, 1863 u kuntratt fl-atti tan-Nutar Giovanni Calleja Schembri tat-18 ta' Frar, 1881, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju ta' l-istess fond;

(ċ) tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' erbgħin Lira Maltija, Lm40.00 (€93.17) fis-sena tal-fond Nru.76 Triq il-Katidral, Tas-Sliema, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fit-28 ta' Ottubru, 2119, regolat skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Giuseppe Metropoli tas-27 ta' Lulju, 1863 u kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino tad-29 ta' Ottubru, 1969, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju ta' l-istess fond.

Il-proprjetajiet hawn fuq imsemmija twaqqgħu kollha u mibdula f'lukanda fi Triq San Pietru kantuniera ma Triq il-Katidral, Tas-Sliema, kif muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_8_2006. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm3,000.00 (€6,988.12) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta. Din l-offerta hija soġġett għad-dritt ta' l-ewwel rifjut.

Avviż Nru. 157. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' żewġ Liri Maltin, wieħed u erbgħin ċenteżmi u tliet milleżmi, Lm2.41,3 (€5.62) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fil-11 ta' Frar, 2046, regolat skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Salvatore Cauchi tat-12 ta' Frar, 1896, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, tal-fond Nru. 50 Triq San Duminku, Tas-Sliema, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_11_2006. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati

LAND DEPARTMENT

The Commissioner of Land notifies that:–

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 am on Thursday, 16th August, 2007.

Advt. No. 156. Sale of:

(a) the Temporary Directa Dominia and relative groundrents of fourteen cents six mils, Lm0.14,6 (€0.34) per annum on premises No.2, fourteen cents six mils, Lm0.14,6 (€0.34) per annum on premises No.3, and one Maltese Lira forty cents and four mils, Lm1.40,4 (€3.27) on premises Nos. 4 and 5, all in Saint Peter Street, Sliema, for the remaining period which expires on the 30th June, 2012, as per deed in the acts of Notary Giuseppe Metropoli dated 27th July, 1863 and deed in the acts of Notary Giovanni Calleja Schembri dated 18th February, 1881, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis of the above mentioned premises;

(b) the Temporary Directum Dominium and relative groundrent of fifty cents, Lm0.50 (€1.16) per annum on Premises No. 75 Cathedral Street, Sliema, for the remaining period which expires on the 30th June, 2012, as per deed in the acts of Notary Giuseppe Metropoli dated 27th July, 1863 and deed in the acts of Notary Giovanni Calleja Schembri dated 18th February, 1881, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis of the said premises;

(c) the Temporary Directum Dominium and relative groundrent of forty Malta Liri, Lm40.00 (€93.17) per annum on Premises No. 76 Cathedral Street, Sliema, for the remaining period which expires on the 28th October, 2119, as per deed in the acts of Notary Giuseppe Metropoli dated 27th July, 1863 and deed in the acts of Notary Paul Pullicino dated 29th October, 1969, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis of the said premises.

The above properties have all been demolished and converted into a hotel in Saint Peter Street corner with Cathedral Street, Sliema, as shown edged in red on plan P.D.JO_8_2006. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of Lm3,000.00 (€6,988.12) as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal.

Advt. No. 157. Sale of the Temporary Directum Dominium and relative groundrent of two Malta Liri, forty one cents and three mils, Lm2.41,3 (€5.62) per annum, for the remaining period which expires on the 11th February, 2046, as per deed in the acts of Notary Salvatore Cauchi dated 12th February, 1896, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of Premises No. 50, Saint Dominic Street, Sliema, shown edged in red on plan P.D.JO_11_2006. Tenders are to be accompanied

b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm1,000.00 (€2,329.37) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta. Din l-offerta hi soġġett għad-dritt ta' l-ewwel rifjut.

Avviż Nru. 158. Bejgħ tal-fond Nru. 2 Triq Lapsi, San Ġiljan, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_43_2007. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm1,000.00 (€2,329.37) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 159. Bejgħ ta' sit fi Triq il-Kanonku Indri Galea kantuniera ma' Triq il-Knisja l-Qadima, Birkirkara, muri bl-aħhmar fuq pjanta P.D.JO_50_2007. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm5,000.00 (€11,646.87) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 160. Kiri tal-gabbana vojta fil-Bajja tal-Qbajjar, Marsalforn, Għawdex, muri fuq pjanta L.D.13/92.

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, sal-10.00 ta' filgħodu tal-Ħamis, 23 ta' Awissu, 2007.

Avviż Nru. 161. Bejgħ ta' sit fil-Manikata, limiti tal-Mellieħa, muri bl-aħmar u mmarkat Nru. 3B fuq pjanta P.D.28_2004. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm300.00 (€698.81) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 162. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' erba' ċenteżmi u tmien milleżmi, Lm0.04,8 (€0.11) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fit-8 ta' Mejju, 2069, regolat skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Michele Luigi Casolani tad-9 ta' Mejju, 1919, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, ta' sit fil-Manikata, limiti tal-Mellieħa, muri bl-aħmar u mmarkat Nru. 3 fuq pjanta P.D.28_2004. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm300.00 (€698.81) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut.

Avviż Nru. 163. Bejgħ ta' sit fis-Swieqi, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_16_2007. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm500.00 (€1,164.69) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta. Min jieħu l-offerta hu obbligat li jibni ħajt tas-sejjieħ fuq il-linja A-B, murija fuq l-istess pjanta P.D.JO_16_2007.

Avviż Nru. 164. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' ħamsin Lira Maltija u ħamsin ċenteżmu, Lm50.50 (€117.63) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fis-26 ta' Ġunju, 2038, regolat skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli ta' l-10 ta' Awissu, 1988, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, tal-Garaxx Nru. 68, Triq Erin Seracino

by a bid-bond for an amount of Lm1,000.00 (€2,329.37) as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal.

Advt. No. 158. Sale of Premises No. 2, Lapsi Street, Saint Julians, shown edged in red on plan P.D.JO_43_2007. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm1,000.00 (€2,329.37) as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 159. Sale of a site in Triq il-Kanonku Indri Galea corner with Triq il-Knisja l-Qadima, Birkirkara, shown edged in red on plan P.D.JO_50_2007. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm5,000.00 (€11,646.87) as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 160. Lease of the bare kiosk at Qbajjar Bay, Marsalforn, Gozo, shown on plan L.D.13/92.

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 am on Thursday, 23rd August, 2007.

Advt. No. 161. Sale of a site in Manikata, limits of Mellieħa, shown edged in red and marked No. 3B on plan P.D.28_2004. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm300.00 (€698.81) as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 162. Sale of the Temporary Directum Dominium and relative groundrent of four cents eight mils, Lm0.04,8 (€0.11) per annum, for the remaining period which expires on the 8th May, 2069, as per deed in the acts of Notary Michele Luigi Casolani dated 9th May, 1919, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of a site in Manikata, limits of Mellieħa, shown edged in red and marked No. 3 on plan P.D.28_2004. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm300.00 (€698.81) as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal.

Advt. No. 163. Sale of a site in Swieqi, shown edged in red on plan P.D.JO_16_2007. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm500.00 (€1,164.69) as stipulated in the tender conditions. Successful tenderer is obliged to erect a rubble wall on the line A-B shown on the same plan P.D.JO_16_2007

Advt. No. 164. Sale of the Temporary Directum Dominium and relative groundrent of fifty Malta Liri and fifty cents, Lm50.50 (€117.63) per annum, for the remaining period which expires on the 26th June, 2038, as per deed in the acts of Notary Vincent Miceli dated 10th August, 1988, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of the Garage No. 68, Triq Erin Seracino Inglott,

Inglott, l-Iklin, inkluża l-arja tiegħu, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.190_82_8A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm300.00 (€698.81) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut.

Avviż Nru. 165. Bejgħ tal-Garaxx Nru. 6, taħt Blokk 'B' Triq iż-Żafran, Santa Luċija, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.11_82_106. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm500.00 (€1,164.69) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 166. Kiri tal-ħanut Nru. 31, Triq it-Torri, Tas-Sliema, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D. 2006_114.

Avviż Nru. 167. Kiri, għal perjodu li jintemm fit-2 ta' Frar, 2021, ta' żewġ (2) siti fi Triq Sa Maison, il-Furjana, biex jintużaw bħala estensjoni ta' *Bar* eżistenti, murija bl-aħmar u mmarkati sit 1 u sit 3 rispettivament fuq pjanta P.D.2005_442_A.

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, sal-10.00 ta' filgħodu tal-Ħamis, 30 ta' Awissu, 2007.

Avviż Nru. 168. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' ċenteżmu u sitt milleżmi, Lm0.01,6 (€0.04) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fl-14 ta' Awissu, 2045, regolat skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Paolo Vassallo tal-15 ta' Jannar, 1895, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, tal-Garaxx bla numru fi Triq Santa Katerina, ir-Rabat, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_31_2005. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm1,000.00 (€2,329.37) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut.

Avviż Nru. 169. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' ċenteżmu u sitt milleżmi, Lm0.01,6 (€0.04) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fl-14 ta' Awissu, 2045, regolat skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Paolo Vassallo tal-15 ta' Jannar, 1895, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, tal-Garaxx bla numru fi Triq il-Merħliet, ir-Rabat, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_32_2005. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm1,000.00 (€2,329.37) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut.

Avviż Nru. 170. Kiri, minn sena għal sena, għal skop ta' agrikoltura, ta' sit fil-limiti tal-Mellieħa, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.180_98_1. Bdiewa *full-time* jingħataw preferenza. Dikjarazzjoni mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ (E.T.C.), li tikkonferma li huwa/hija bidwi *full-time* trid tiġi annessa ma kull offerta. F'każ li l-ebda bidwi *full-time* ma jagħmel offerta, il-Gvern iżomm id-dritt li jagħti l-offerta lil kwalunkwe offerent ieħor.

Iklin, including its airspace, shown edged in red on plan P.D.190_82_8A. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm300.00 (€698.81) as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal.

Advt. No. 165. Sale of Garage No. 6, underlying Block 'B' Triq iż-Żafran, Santa Luċija, shown edged in red on plan P.D.11_82_106. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm500.00 (€1,164.69) as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 166. Lease of shop No. 31, Triq it-Torri, Sliema, shown edged in red on plan P.D.2006_114.

Advt. No. 167. Lease, for a period to end on 2nd February, 2021, of the two (2) sites in Triq Sa Maison, Floriana, to be used as an extension to an existing Bar, shown edged in red and marked site 1 and site 3 respectively on plan P.D.2005_442_A.

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 am on Thursday, 30th August, 2007.

Advt. No. 168. Sale of the Temporary Directum Dominium and relative groundrent of one cent six mills, Lm0.01,6 (€0.04) per annum, for the remaining period which expires on the 14th August, 2045, as per deed in the acts of Notary Paolo Vassallo dated 15th January, 1895, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of an unnumbered garage in Saint Catherine Street, Rabat, shown edged in red on plan P.D.JO_31_2005. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm1,000.00 (€2,329.37) as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal.

Advt. No. 169. Sale of the Temporary Directum Dominium and relative groundrent of one cent six mills, Lm0.01,6 (€0.04) per annum, for the remaining period which expires on the 14th August, 2045, as per deed in the acts of Notary Paolo Vassallo dated 15th January, 1895, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of an unnumbered garage in Triq il-Merħliet, Rabat, shown edged in red on plan P.D.JO_32_2005. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm1,000.00 (€2,329.37) as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal.

Advt. No. 170. Lease, on a year to year basis, for agricultural purposes, of a site in the limits of Mellieħa, shown edged in red on plan P.D.180_98_1. Preference will be given to full time farmers, who are to submit a declaration by the Employment and Training Corporation (E.T.C.) confirming that he/she is a full time farmer. Government reserves the right to award tender to any other bidder if no full time farmer submits an offer.

Avviż Nru. 171. Kiri ta' Ħanut Nru. 137 (qabel Nru. 88) Triq Manoel De Vilhena, il-Gżira, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2007_297.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet relevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u 11.45 a.m. Irid jitħallas dritt ta' Lm5 (€11.65) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta. Il-ħlasijiet jiġu aċċettati biss b'ċekk jew *money order*. L-offerta tkun valida biss jekk ikollha magħha t-timbru uffiċjali tad-Dipartiment.

L-14 ta' Awissu, 2007

TAQSIMA TAX-XOGĦLIJIET
U TAQSIMA TAS-SERVIZZI

Id-Diretturi Ġenerali, Taqsima tax-Xogħlijiet u Taqsima tas-Servizzi, jgħarrfu illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, l-4 ta' Settembru, 2007, fit-Taqsima tal-Kuntratti u x-Xiri, Taqsima tax-Xogħlijiet u Taqsima tas-Servizzi, il-Furjana, jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Avviż Nru. 91/07. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' partijiet ta' kurduni tal-konkrit *precast* għat-Taqsima tax-Xogħlijiet u Taqsima tas-Servizzi.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm15 (€34.94) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Kwot. Nru. 32/07. Xogħlijiet ta' brix f'Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk.
Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 (€11.65) għal kull kopja tad-dokument tal-kwotazzjoni.

Kwot. Nru. 33/07. Provvista, stallazzjoni u kummissjunar ta' *air conditioning units* għall-Uffiċċji tal-*Valley Management and Door Numbering Units,* Taqsima tax-Xogħlijiet u Taqsima tas-Servizzi.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 (€11.65) għal kull kopja tad-dokument tal-kwotazzjoni.

Kwot. Nru. 34/07. Bejgħ *tale quale* ta' vetturi mhux servibbli u tagħmir ta' impjanti fid-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi, Kordin.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) għal kull kopja tad-dokument tal-kwotazzjoni.

Kwot. Nru. 35/07. Kuntratt perjodiku għall-provvista u konsenja ta' oġġetti għall-ewwel għajnuna għal min iweġġa' lit-Taqsima tax-Xogħlijiet u t-Taqsima tas-Servizzi.

Advt. No. 171. Lease of Shop No. 137 (previously No. 88), Triq Manoel De Vilhena, Gżira, shown edged in red on plan P.D.2007_297.

Tenders should be made only on the prescribed form which, together with the relevant conditions and other documents are obtainable from the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta, on any working day between 8.30 a.m. and 11.45 a.m. A fee of Lm5 (€11.65) will be charged for each copy of tender document. Payments are to be made only by cheque or money order. Tenders are only valid if they bear the official stamp of the Department.

14th August, 2007

WORKS DIVISION
AND SERVICES DIVISION

The Directors General, Works Division and Services Division, notify that:–

Sealed tenders/quotations will be received at the Contracts and Procurement Section, Works Division and Services Division, Floriana, up to 10.00 a.m. on Tuesday, 4th September, 2007, for:-

Advt. No. 91/07. Period contract for the supply of precast concrete kerbs elements to the Works Division and Services Division.

A fee of Lm15 (€34.94) is to be charged for the procurement of each tender document.

Quot. No. 32/07. Scarifying works at Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk.
A fee of Lm5 (€11.65) is to be charged for the procurement of each quotation document.

